Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 298/2016

Il-Pulizja

Spettur Colin Sheldon

Vs

Joseph Camilleri

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Camilleri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 434884 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-valur mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-valur mizjud ( Att Nru. XXIII ta' l-1998 ) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud (1) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemm fil-31 t' Ottubru, 2013 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76 (c) u 76 (d) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti, giet mitluba li f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 27, 66 u 76 (d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hat ital-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' seba' mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Joseph Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Joseph Camilleri huwa car u manifest u jikkonsistu f' dan li gej:-

L-esponenti mexa fuq li qalulu u li kien exempt.

Ir-returns ghamilhom u ghalaq il-ktieb mal-Vat.

Hallas ukoll akkont. Il-formoli fil-fatt gew accettati. Li jonqos huwa bilanc tal-pagament. Dan jikkostitwixxi dejn civili, u mhux izjed reat kriminali.

Peress li din hija multa, u ghalhekk titqies bhala delitt, irid ikun hemm id-dolus, li f' dan il-kaz kien nieqes. U d-dolus trid tippruvah il-prosekuzzjoni.

Ikkunsdirat,

Illi l-appellanti iressaq diversi lmenti diretti kontra d-decizjoni impunjata. Fl-ewwel lok hu jishaq illi d-denunzja ghal perijodu indikat fl-akkuza giet

sottomessa izda minghajr hlas. Sussegwentement sar hlas parzjali fil-mori tal-kawza. Fix-xhieda tieghu l-appellanti jishaq illi illum hallasx kollox ghalkemm dan ma giex ikkonfermat minn Paul Scicluna in rappresentanza tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Jishaq fuq kollox illi billi huwa jinsab akkuzat bil-kummissjoni ta' reat li igorr mieghu il-piena tal-multa, allura l-prosekuzzjoni kien jenhtigielha tipprova l-element intenzjonali, liema element jishaq, madanakollu li huwa nieqes billi ma sehh l-ebda nuqqas minn naha tieghu ghaliex huwa kien avza lid-Dipartiment bil bdil fl-indirizz tan-negozju tieghu u qatt ma irceva korrispondenza ohra rigward dan in-nuqqas minn naha taghhom. Allura huwa haseb illi l-posizzjoni tieghu ma-Dipartiment kienet regolarizzata.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' mill-gdid ix-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti. Issa Paul Scicluna ghad-Dipartiment tal-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkonferma illi d-denunzja ghal perijodu li kien immatura f'Ottubru 2013 kienet iddahhlet mill-appellanti qabel is-seduta quddiem il-Qorti u li kien sar hlas parzjali. L-appellanti jishaq illi huwa hallas kollox illum u li d-denunzja huwa kienipprezenta lid-Dipartiment izda minghajr hlas. Ma iressaq l-ebda ricevuta biex jindika illi l-hlas sar u lanqas prova illi huwa kien avza lid-Diaprtiment bil-bdil fl-indirizz tan-negozju tieghu, kif jallega. Illi allura dak li johrog mill-provi huwa illi ghal perijodu indikat fl-akkuza ghalkemm id-denunzja giet ipprezentata, madanakollu dan sar minghajr il-hlas relattiv tat-taxxa dovuta.

Illi allura kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ma hemmx dubbju illi l-akkuza tirrizulta ippruvata ghaliex anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni ta'l-appellanti xortawahda ghandu jirrizulta illi dawn id-denunzji gew ipprezentati tardivament u mhux konformi mal-ligi billi ma kienx sar l-hlas kontestwalment mal-prezentata ta'l-istess, biex b'hekk l-appellanti sar hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 76(d) tal-

Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u dana meta huwa naqas li jottempera ruhu ma' dak dispost fl-artikolu 27 li ighid:
"Kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa sa mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv."

Bl-artikolu 21 jispecifika iz-zmien meta ghandu isir dan il-hlas u cioe' mhux aktar tard mid-data meta tintbaghat d-denunzja ghal perijodu relattiv.

Illi allura maghdud dan l-appellanti ma jistax jinvoka favur tieghu in-nuqqas ta'l-element intenzjonali billi l-ligi titkellem car illi l-persuna registrata ghandha ir-responsabbilta unika illi mal-presentata tad-denunzja tat-taxxa taghmel il-hlas tat-taxxa dovuta abbazi ta' dik id-denunjza. In-nuqqas ta' hlas kwindi isarraf fil-kummissjoni tar-reat addebitat lill-appellanti peremezz tal-presenti akkuza. L-appellanti stess jammetti illi huwa ma ghamilx il-hlas hekk kif giet ipprezentata d-denunzja relattiva li *del resto* jidher illi ukoll giet ipprezentata tardivament u kwindi dan il-fatt wahdu isarraf f'reita'.

Ghaldaqstant din il-Qorti mara tara l-ebda mottiv la legali u lanqas fattwali li jista' igieghla titbieghed mid-decizjoni milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

**(ft)** Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur